REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2020/1579

tad-29 ta' Ottubru 2020

li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2021 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku u li jemenda r-Regolament (UE) 2020/123 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd f'ilmijiet oħra

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) jirrikjedi li jiġu adottati miżuri ta' konservazzjoni li jqisu l-pariri xjentifiċi, tekniċi u ekonomiċi disponibbli, inkluż, fejn rilevanti, ir-rapporti mfassla mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd u minn korpi konsultattivi oħra, kif ukoll pariri mogħtija minn Kunsilli Konsultattivi stabbiliti għaż-żoni ġeografiċi jew l-oqsma ta' kompetenza u rakkomandazzjonijiet konġunti li jsiru mill-Istati Membri.

(2) Hija r-responsabbiltà tal-Kunsill li jadotta miżuri dwar l-istabbiliment u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd, inkluż ċerti kundizzjonijiet li huma marbutin magħhom b'mod funzjonali, kif xieraq. Jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd jiġu allokati lill-Istati Membri b'tali mod li tiġi żgurata l-istabbiltà relattiva tal-attivitajiet tas-sajd ta' kull Stat Membru għal kull stokk jew attività tas-sajd filwaqt li jitqiesu kif xieraq l-objettivi tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

(3) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jipprevedi li l-objettiv tal-PKS huwa li, fejn possibbli, sal-2015 tinkiseb ir-rata ta' sfruttament tar-rendiment massimu sostenibbli (MSY) u, b'mod progressiv u inkrementali, sa mhux aktar tard mill-2020 għall-istokkijiet kollha.

(4) Għalhekk, il-qabdiet totali permissibbli (TACs) jenħtieġ li jiġu stabbiliti, f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, abbażi tal-pariri xjentifiċi disponibbli, filwaqt li jitqiesu l-aspetti bijoloġiċi u soċjoekonomiċi u jiġi żgurat trattament ġust bejn is-setturi tas-sajd, kif ukoll wara li jitqiesu l-opinjonijiet tal-partijiet ikkonċernati espressi waqt il-konsultazzjoni.

(5) Ir-Regolament (UE) 2016/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-merluzz, l-aringi u l-laċċ ikħal fil-Baħar Baltiku u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet ("il-pjan"). Il-pjan għandu l-għan li jiżgura li l-isfruttament tar-riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar jirkupra l-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet mistada u jżommhom 'il fuq mil-livelli li jistgħu jipproduċu l-MSY. Għal dan il-għan, il-mortalità mis-sajd fil-mira għall-istokkijiet ikkonċernati, espressa fil-meded, għandha tinkiseb kemm jista' jkun malajr u, b'mod progressiv u inkrementali, sal-2020. Huwa xieraq li l-limiti tal-qbid applikabbli fl-2021 għall-istokkijiet tal-bakkaljaw, tal-aringi u tal-laċċ ikħal fil-Baħar Baltiku jiġu stabbiliti f'konformità mal-objettivi tal-pjan.

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

([2]) Ir-Regolament (UE) 2016/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-merluzz, l-aringi u l-laċċ ikħal fil-Baħar Baltiku u s-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2187/2005 u li jirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1098/2007 (ĠU L 191, 15.7.2016, p. 1).

(6) Il-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar ('ICES') indika li l-bijomassa tal-aringa tal-Baltiku tal-Punent fis-suddiviżjonijiet 20- 24 tal-ICES hija biss 48 % mill-punt ta' referenza ta' limitu tal-bijomassa ta' stokk riproduttiva (B_{lim}), li taħtu huwa possibbli li l-kapaċità riproduttiva titnaqqas. Għalhekk, il-parir xjentifiku maħruġ mill-ICES fid-29 ta' Mejju 2020 fil-parir annwali tiegħu dwar l-istokkijiet kien li jsirx sajd għall-aringa tal-Baltiku tal-Punent. Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) 2016/1139, jenħtieġ li jiġu adottati l-miżuri ta' rimedju xierqa kollha biex jiġi żgurat li l-istokk ikkonċernat jitreġġa' lura malajr għal livelli ogħla mil-livell li kapaċi jipproduċi MSY. Barra minn hekk, dik id-dispożizzjoni tirrikjedi li jiġu adottati miżuri ta' rimedju ulterjuri. Għal dan il-għan, jinħtieġ li titqies l-iskeda ta' żmien għall-kisba tal-objettivi tal-PKS b'mod ġenerali u tal-pjan b'mod partikolari bil-ħsieb tal-effett mistenni tal-miżuri ta' rimedju adottati, filwaqt li fl-istess ħin jiġu rispettati l-objettivi għall-kisba tal-benefiċċji ekonomiċi, soċjali u tal-impjiegi, kif stabbilit fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Għalhekk u skont l-Artikolu 4(4) tar-Regolament (UE) 2016/1139, huwa xieraq li l-opportunitajiet tas-sajd għall-aringa tal-Baltiku tal-Punent jiġu stabbiliti taħt il-meded tal-mortalità mis-sajd, sabiex jitqies it-tnaqqis fil-bijomassa għal dak l-istokk fis-suddiviżjonijiet 20-24 tal-ICES.

(7) Fir-rigward tal-istokk tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant, mill-2019, l-ICES seta' jibbaża il-parir ta' prekawzjoni tiegħu fuq valutazzjoni aktar rikka minn dak li kien possibbli qabel.. L-ICES jistma li l-bijomassa tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant kienet anqas minn B_{lim} fl-2019 u kompliet tonqos minn dak iż-żmien. Għalhekk, l-ICES tenna l-parir tiegħu għall-2021 dwar qabdiet żero tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant. Madanakollu, l-ICES ma kienx f'pożizzjoni li jiddetermina l-valuri tal-meded tal-mortalità mis-sajd. Bħas-sena li għaddiet, jekk l-opportunitajiet tas-sajd għall-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant kellhom jiġu stabbiliti fil-livell indikat fil-parir xjentifiku, l-obbligu li jinħattu l-art il-qabdiet kollha f'sajd imħallat b'qabdiet aċċessorji tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant iwassal għall-fenomenu ta' "speċijiet bi kwota limitanti". Sabiex jinstab il-bilanċ it-tajjeb bejn il-kontinwazzjoni tas-sajd bil-ħsieb tal-implikazzjonijiet soċjoekonomiċi potenzjalment severi tal-projbizzjoni tal-qabdiet kollha tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant, u l-ħtieġa li jinkiseb status bijoloġiku tajjeb għall-istokk, filwaqt li titqies id-diffikultà tas-sajd tal-istokkijiet kollha f'sajd imħallat b'MSY fl-istess ħin, huwa xieraq li tiġi stabbilita TAC speċifika għall-qabdiet aċċessorji tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant. L-opportunitajiet tas-sajd għandhom jiġu stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) 2016/1139.

(8) F'Mejju 2020, l-ICES ta parir aġġornat dwar il-livelli ta' qabdiet aċċessorji tal-bakkaljaw f'sajd ieħor. Huwa xieraq li jiġu stabbiliti l-opportunitajiet tas-sajd f'konformità ma' dak il-parir speċjali, bl-eżenzjoni tal-operazzjonijiet tas-sajd imwettqa għall-fini esklużiva ta' investigazzjonijiet xjentifiċi u f'konformità sħiħa mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]). Barra minn hekk, skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) 2016/1139 għandhom jiġu adottati miżuri ta' rimedju addizzjonali biex jiġi żgurat li l-istokk jitreġġa' lura malajr għal livelli ogħla mil-livell li kapaċi jipproduċi MSY. Il-parir xjentifiku jindika li l-għeluq fiż-żmien riproduttiv b'mod partikolari jista' jkollu benefiċċji addizzjonali għal stokk li ma jistgħux jinkisbu bit-TAC biss, pereżempju żieda fir-reklutaġġ permezz ta' riproduzzjoni bla xkiel. Għalhekk huwa xieraq li jinżamm l-għeluq fiż-żmien riproduttiv tas-sajf eżistenti. Barra minn hekk, il-parir xjentifiku jindika li l-importanza relattiva tas-sajd rikreattiv tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant tiddependi fuq il-livell tat-TAC. Minħabba t-TAC imnaqqsa ħafna, il-kwantitajiet maqbuda fis-sajd rikreattiv huma kkunsidrati sostanzjali u għalhekk huwa xieraq li tinżamm il-projbizzjoni tas-sajd rikreattiv għall-bakkaljaw fis-suddiviżjonijiet 25 u 26 tal-ICES fejn il-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant huwa l-aktar abbundanti.

(9) Fir-rigward tal-istokk tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Punent, l-ICES irreveda 'l isfel il-bijomassa stmata u jistma li l-bijomassa tal-istokk tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Punent ma rkuprax 'il fuq mill-punt ta' referenza tal-bijomassa riproduttiva tal-istokk li taħtu għandha tittieħed azzjoni ta' ġestjoni speċifika u xierqa ($B_{trigger}$). Għalhekk huwa xieraq li jinżammu l-miżuri ta' akkumpanjament introdotti għall-2020 u li jiġu stabbiliti l-opportunitajiet tas-sajd f'konformità mal-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) 2016/1139 filwaqt li jitqiesu l-livelli ta' bakkaljaw maqbud b'mod aċċessorju f'sajd ieħor fis-suddiviżjoni 24 tal-ICES kif irrakkomandat mill-ICES, sabiex ikun hemm koerenza mal-approċċ segwit fiż-żona ta' ġestjoni tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant. Barra minn hekk, il-parir xjentifiku jindika li l-istokkijiet tal-bakkaljaw tal-Punent u tal-Lvant jitħalltu fis-suddiviżjoni 24 tal-ICES. Sabiex jitħares l-istokk tal-bakkaljaw tal-Lvant u jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwi maż-żona ta' ġestjoni tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-

([3]) Ir-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005 (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 105).

Lvant, jenħtieġ li l-użu tat-TAC fis-suddiviżjoni 24 tal-ICES ikompli jkun limitat għal qabdiet aċċessorji tal-bakkaljaw bl-eċċezzjoni tal-operazzjonijiet tas-sajd imwettqa għall-fini esklużiva ta' investigazzjonijiet xjentifiċi u f'konformità sħiħa mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2019/1241 u għas-sajjieda kostali fuq skala żgħira li jistadu bi rkaptu tas-sajd passiv f'żoni sa sitt mili nawtiċi mill-kosta fejn il-fond tal-ilma huwa anqas minn 20 metru peress li l-bakkaljaw tal-Punent jinstab predominanti f'dawk iż-żoni kostali baxxi. Barra minn hekk, il-perijodu ta' għeluq fis-suddiviżjoni 24 tal-ICES jenħtieġ li jiġi allinjat mal-perijodu ta' għeluq fis-suddiviżjonijiet 25 u 26 tal-ICES sabiex tiġi żgurata protezzjoni ekwivalenti konsistenti mal-parir tal-ICES.

(10) Għaldaqstant, u sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwi mas-suddiviżjonijiet 25 u 26 tal-ICES, is-sajd rikreattiv għall-bakkaljaw fis-suddiviżjoni 24 tal-ICES jenħtieġ li jiġi pprojbit lil hinn minn sitt mili nawtiċi mill-kosta. Barra minn hekk, peress li l-parir xjentifiku jindika li s-sajd rikreattiv jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-mortalità globali mis-sajd ta' dak l-istokk u filwaqt li jitqies l-istatus ta' dak l-istokk u t-tnaqqis tat-TAC, jenħtieġ li jinżamm il-limitu tal-qabda ta' kuljum għal kull sajjieda. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-prinċipju tal-istabbiltà relattiva applikabbli għall-attivitajiet tas-sajd kummerċjali. Fl-aħħar nett, minħabba l-istatus fraġli tal-istokk u l-fatt li l-parir xjentifiku jindika li l-għeluq fiż-żmien riproduttiv, b'mod partikolari, jista' jkollu benefiċċji addizzjonali għal stokk li ma jistgħux jinkisbu bit-TAC biss, pereżempju żieda fir-reklutaġġ permezz ta' riproduzzjoni bla xkiel, jenħtieġ li jinżamm l-għeluq riproduttiv tax-xitwa, bl-eżenzjoni għal ċerti sajjieda kostali fuq skala żgħira u għal attivitajiet tas-sajd li jsiru biss għall-finijiet tal-investigazzjonijiet xjentifiċi u f'konformità sħiħa mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2019/1241.

(11) L-ICES jistma li l-bijomassa tal-aringa tal-Baltiku ċentrali waqgħet taħt il-punt ta' referenza tal-bijomassa riproduttiva tal-istokk li taħtu għandha tittieħed azzjoni ta' ġestjoni speċifika u xierqa ($B_{trigger}$). Huwa għalhekk xieraq li jiġu stabbiliti l-opportunitajiet tas-sajd skont l-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) 2016/1139.

(12) Skont il-parir tal-ICES, il-bakkaljaw jinqabad b'mod aċċessorju fis-sajd tal-barbun tat-tbajja'. Barra minn hekk, il-laċċa kaħla tinqabad f'sajd imħallat mal-aringa u hija speċi tal-priża għall-bakkaljaw. Huwa xieraq li jitqiesu dawk il-kunsiderazzjonijiet ta' bejn l-ispeċijiet biex jiġu stabbiliti l-opportunitajiet tas-sajd għall-barbun tat-tbajja' u l-laċċa kaħla.

(13) Sabiex jiġi żgurat l-użu sħiħ tal-opportunitajiet tas-sajd kostali, ilha li ġiet introdotta flessibbiltà limitata bejn iż-żoni għas-salamun mis-suddiviżjonijiet 22-31 sas-suddiviżjoni 32 tal-ICES fl-2019. Minħabba l-bidliet fl-opportunitajiet tas-sajd għal dawk iż-żewġ stokkijiet, huwa xieraq li tiżdied dik il-flessibbiltà.

(14) L-introduzzjoni ta' projbizzjoni tas-sajd għat-trota tal-baħar lil hinn minn erba' mili nawtiċi u ta' limitazzjoni tal-qabdiet aċċessorji tat-trota tal-baħar għal 3 % tal-qabda kkombinata tat-trota tal-baħar u tas-salamun ikkontribwixxiet sa ċertu punt għal tnaqqis sostanzjali ta' rappurtar ħażin tal-qabdiet fis-sajd għas-salamun li qabel kien sinifikanti, b'mod partikolari bħala qabdiet ta' trota tal-baħar. Huwa għalhekk xieraq li tinżamm dik id-dispożizzjoni sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun ir-rappurtar ħażin.

(15) L-użu tal-opportunitajiet tas-sajd stabbilit f'dan ir-Regolament huwa soġġett għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 ([4]), u b'mod partikolari għall-Artikoli 33 u 34 tiegħu li jikkonċernaw ir-reġistrazzjoni tal-qabdiet u l-isforz tas-sajd, kif ukoll għat-trażmissjoni tad-data dwar l-eżawriment tal-opportunitajiet tas-sajd lill-Kummissjoni. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jispeċifika l-kodiċijiet relatati mal-ħatt l-art tal-istokkijiet soġġetti għal dan ir-Regolament li għandhom jintużaw mill-Istati Membri meta jibagħtu d-data lill-Kummissjoni.

(16) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 ([5]) introduċa kondizzjonijiet addizzjonali għall-ġestjoni minn sena għal sena tat-TACs inkluż, skont l-Artikoli 3 u 4, id-dispożizzjonijiet għat-TACs prekawzjonarji u analitiċi. Skont l-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament, meta jistabbilixxi t-TACs, il-Kunsill għandu jiddeċiedi liema huma l-istokkijiet li għalihom ma għandhomx japplikaw l-Artikoli 3 jew 4, b'mod partikolari abbażi tal-istatus bijoloġiku tal-istokkijiet. Aktar reċentement, l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 daħħal il-mekkaniżmu tal-flessibbiltà minn sena għal sena għall-istokkijiet kollha li huma soġġetti għall-obbligu tal-ħatt l-art. Għalhekk, sabiex tiġi evitata l-flessibbiltà eċċessiva li ddgħajjef il-prinċipju tal-isfruttament razzjonali u responsabbli tar-riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar, li xxekkel il-kisba tal-objettivi tal-PKS u li tikkawża d-deterjorament tal-istatus bijoloġiku tal-istokkijiet, jenħtieġ li jiġi stabbilit li l-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 japplikaw għat-TACs analitiċi biss fejn ma tintużax il-flessibbiltà minn sena għal sena prevista fl-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

([4]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

([5]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 tas-6 ta' Mejju 1996 li jintroduċi kondizzjonijiet addizzjonali għal tmexxija minn sena għal sena tal-TAC u l-kwoti (ĠU L 115, 9.5.1996, p. 3).

(17) Barra minn hekk, peress li l-bijomassa tal-istokk ta' bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant tinsab taħt il-B_{lim} u li s-sajd aċċessorju u xjentifiku biss huwa permess fl-2021, l-Istati Membri ntrabtu li ma japplikawx l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għal dan l-istokk għat-trasferimenti mill-2020 għall-2021 sabiex il-qabdiet fl-2021 ma jaqbżux it-TAC stabbilita għall-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant.

(18) Is-sena tas-sajd għall-merluzz tan-Norveġja fid-diviżjoni 3a tal-ICES u fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 2a tal-ICES u s-subżona 4 tal-ICES hija mill-1 ta' Novembru sal-31 ta' Ottubru. Abbażi ta' parir xjentifiku ġdid, jenħtieġ li tiġi stabbilita TAC preliminari għall-merluzz tan-Norveġja għal dawk iż-żoni. Ir-Renju Unit ma għandux kwota għall-merluzz tan-Norveġja. Madankollu, parti mill-kwota tinqabad fl-ilmijiet tar-Renju Unit. Ir-Renju Unit ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 130(1) tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ([6]). Għalhekk, jenħtieġ li tiġi stabbilita TAC preliminari għall-opportunitajiet tas-sajd għall-perijodu mill-1 ta' Novembru 2020 sal-31 ta' Diċembru 2020. Dak it-TAC ser jippermetti l-bidu tal-istaġun tas-sajd. Ir-Renju Unit ser jiġi kkonsultat dwar l-opportunitajiet tas-sajd għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Ottubru 2021. Minkejja l-fatt li r-Renju Unit ma għandu l-ebda sehem tal-kwota f'dan l-istokk, ir-riżorsa hija kondiviża mar-Renju Unit. Għalhekk jenħtieġ li jsiru konsultazzjonijiet dwar il-ġestjoni konġunta tal-istokk wara l-iskadenza tal-perijodu ta' tranżizzjoni fil-31 ta' Diċembru 2020. Ir-Regolament dwar l-opportunitajiet tas-sajd għall-merluzz tan-Norveġja fid-diviżjoni 3a tal-ICES u fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 2a tal-ICES u s-subżona 4 tal-ICES jenħtieġ li jiġi emendat aktar tard biex jinkludi l-eżitu ta' dawk il-konsultazzjonijiet, għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Ottubru 2021, biex ikopri s-sena tas-sajd sħiħa mill-1 ta' Novembru 2020 sal-31 ta' Ottubru 2021.

(19) Sabiex tiġi evitata l-interruzzjoni tal-attivitajiet tas-sajd u jiġi żgurat l-għajxien tas-sajjieda tal-Unjoni, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika mill-1 ta' Jannar 2021. Madankollu, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika għall-merluzz tan-Norveġja fid-diviżjoni 3a tal-ICES u fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 2a tal-ICES u s-subżona 4 tal-ICES mill-1 ta' Novembru 2020 sal-31 ta' Ottubru 2021. Minħabba l-urġenza, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ minnufih wara l-pubblikazzjoni tiegħu,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut fil-Baħar Baltiku għall-2021 u jemenda ċerti opportunitajiet tas-sajd f'ilmijiet oħra stabbiliti bir-Regolament (UE) 2020/123 ([7]).

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament japplika għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li joperaw fil-Baħar Baltiku.

2. Dan ir-Regolament japplika wkoll għas-sajd rikreattiv fejn jissemma espliċitament fid-dispożizzjonijiet rilevanti.

([6]) ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7.

([7]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/123 tas-27 ta' Jannar 2020 li jistabbilixxi għall-2020 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 25, 30.1.2020, p. 1).

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

Barra minn hekk, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "suddiviżjoni" tfisser suddiviżjoni tal-ICES tal-Baħar Baltiku kif definita fl-Anness III tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 218/2009 ([8]);

(2) "qabda totali permissibbli" (TAC) tfisser il-kwantità ta' kull stokk li tista' tinqabad fuq perijodu ta' sena;

(3) "kwota" tfisser proporzjon mit-TAC allokat lill-Unjoni, lil Stat Membru jew lil pajjiż terz;

(4) "sajd rikreattiv" tfisser attivitajiet tas-sajd mhux kummerċjali li jisfruttaw ir-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar għal rikreazzjoni, turiżmu jew sport.

KAPITOLU II

OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD

Artikolu 4

TACs u allokazzjonijiet

It-TACs, il-kwoti u l-kondizzjonijiet marbutin b'mod funzjonali magħhom, fejn xieraq, huma stabbiliti fl-Anness.

Artikolu 5

Dispożizzjonijiet speċjali dwar l-allokazzjonijiet tal-opportunitajiet tas-sajd

L-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri, kif stabbilit f'dan ir-Regolament, għandha tkun mingħajr preġudizzju għal:

(a) skambji li jsiru skont l-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

(b) tnaqqis u riallokazzjonijiet magħmula skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;

(c) ħatt l-art addizzjonali permess skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 jew skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

(d) kwantitajiet miżmuma f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 jew trasferiti skont l-Artikolu 15 (9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

(e) tnaqqis li jsir skont l-Artikoli 105 u 107 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

Artikolu 6

Kondizzjonijiet għall-ħatt l-art ta' qabdiet u ta' qabdiet aċċessorji

L-istokkijiet ta' speċijiet mhux fil-mira li jinsabu fil-limiti bijoloġiċi sikuri msemmija fl-Artikolu 15(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 li jikkwalifikaw għad-deroga mill-obbligu li l-qabdiet jingħaddu skont il-kwoti rilevanti huma identifikati fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 7

Għeluq biex jipproteġi l-bakkaljaw li jkun qed ibid

1. Għandu jkun ipprojbit is-sajd bi kwalunkwe tip ta' rkaptu tas-sajd fis-suddiviżjonijiet 25 u 26 mill-1 ta' Mejju sal-31 ta' Awwissu,

([8]) Ir-Regolament (KE) Nru 218/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni ta' statistiċi ta' qbid nominali mill-Istati Membri li jistadu fil-grigal tal-Atlantiku (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 70).

2. Eżenzjoni mill-projbizzjoni stipulata fil-paragrafu 1 għandha tapplika fil-każijiet li ġejjin:

(a) operazzjonijiet tas-sajd imwettqa għall-fini esklużiva tal-investigazzjonijiet xjentifiċi, li jistgħu jitwettqu dment li dawk l-investigazzjonijiet jitwettqu f'konformità sħiħa mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2019/1241;

(b) bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b'tul totali ta' anqas minn 12-il metru li jistadu bl-għeżula, bix-xbieki tat-tħabbil jew bil-pariti tal-qiegħ, bil-konzijiet tal-qiegħ, bil-konzijiet, bil-konzijiet tal-wiċċ, bix-xlief u bl-irkaptu tat-trejjix jew b'irkaptu passiv simili f'żoni fejn il-fond tal-ilma jkun inqas minn 20 metru skont il-koordinati fil-mappa nawtika uffiċjali li tinħareġ mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti;

(c) bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jistadu fis-suddiviżjoni 25 fejn il-fond tal-ilma huwa inqas minn 50 metru għall-istokkijiet pelaġiċi għall-konsum dirett mill-bniedem, bl-użu ta' rkaptu b'daqs tal-malja ta' 45 mm jew inqas, u li jintgħażel il-ħatt l-art tagħhom.

3. Għandu jkun ipprojbit li jsir sajd bi kwalunkwe tip ta' rkaptu tas-sajd fis-suddiviżjonijiet 22 u 23 mill-1 ta' Frar sal-31 ta' Marzu, u fis-suddiviżjoni 24 mill-15 ta' Mejju sal-15 ta' Awwissu.

4. Eżenzjoni mill-projbizzjoni stipulata fil-paragrafu 3 għandha tapplika fil-każijiet li ġejjin:

(a) operazzjonijiet tas-sajd imwettqa għall-fini esklużiva tal-investigazzjonijiet xjentifiċi imwettqa f'konformità sħiħa mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2019/1241;

(b) bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b'tul totali ta' anqas minn 12-il metru li jistadu bl-għeżula, bix-xbieki tat-tħabbil jew bil-pariti tal-qiegħ, bil-konzijiet tal-qiegħ, bil-konzijiet, bil-konzijiet tal-wiċċ, bix-xlief u bl-irkaptu tat-trejjix jew b'irkaptu passiv simili fis-suddiviżjonijiet 22 u 23 f'żoni fejn il-fond tal-ilma huwa inqas minn 20 metru skont il-koordinati fuq il-mappa nawtika uffiċjali li tinħareġ mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, u fis-suddiviżjoni 24 f'żoni sa sitt mili nawtiċi mkejla mil-linji bażi fejn il-fond tal-ilma jkun inqas minn 20 metru skont il-koordinati fuq il-mappa nawtika uffiċjali li tinħareġ mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti;

(c) bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jistadu fis-suddiviżjoni 24 sa sitt mili nawtiċi mkejla mil-linji bażi fejn il-fond tal-ilma jkun inqas minn 40 metru għall-istokkijiet pelaġiċi għall-konsum dirett mill-bniedem, bl-użu ta' rkapti b'daqs tal-malja ta' 45 mm jew inqas, u li jintgħażel il-ħatt l-art tagħhom.

5. Il-kaptani ta' bastimenti tas-sajd kif imsemmi fil-paragrafu 2, il-punti (b) jew (c) u fil-paragrafu 4, il-punti (b) jew (c) għandhom jiżguraw li l-attività tas-sajd tagħhom tkun tista' tiġi mmonitorjata f'kull ħin mill-awtoritajiet tal-kontroll tal-Istat Membru.

Artikolu 8

Miżuri dwar is-sajd rikreattiv għall-bakkaljaw fis-suddiviżjonijiet 22-26

1. Fis-sajd rikreattiv, ma jistgħux jinżammu aktar minn ħames kampjuni ta' bakkaljaw għal kull sajjied kuljum fis-suddiviżjonijiet 22 u 23 u fis-suddiviżjoni 24 sa sitt mili nawtiċi mkejla mil-linji bażi, ħlief fil-perijodu mill-1 ta' Frar sal-31 ta' Marzu 2021, meta ma jistgħux jinżammu aktar minn żewġ kampjuni ta' bakkaljaw għal kull sajjied kuljum.

2. Is-sajd rikreattiv għall-bakkaljaw għandu jiġi pprojbit fis-suddiviżjoni 24 lil hinn mis-sitt mili nawtiċi mkejla mil-linji bażi, u fis-suddiviżjonijiet 25 u 26.

3. Dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzju għal miżuri nazzjonali aktar stretti.

Artikolu 9

Miżuri dwar is-sajd għat-trota tal-baħar u għas-salamun fis-suddiviżjonijiet 22-32

1. Għandu jkun ipprojbit għall-bastimenti tas-sajd li jistadu għat-trota tal-baħar lil hinn minn erba' mili nawtiċi mkejla mil-linji bażi fis-suddiviżjonijiet 22-32 mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2021. Meta jsir is-sajd għas-salamun f'dawk l-ilmijiet, il-qabdiet aċċessorji tat-trota tal-baħar ma għandhomx jaqbżu t-3 % tal-qabda totali tas-salamun u tat-trota tal-baħar fi kwalunkwe mument abbord jew meta jinħattu l-art wara kull vjaġġ tas-sajd.

2. Dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzju għal miżuri nazzjonali aktar stretti.

Artikolu 10

Flessibbiltà

1. Ħlief fejn ikun speċifikat mod ieħor fl-Anness għal dan ir-Regolament, l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 japplika għall-istokkijiet soġġetti għal TACs prekawzjonarji u l-Artikolu 3(2) u (3) u l-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament għandhom japplikaw għall-istokkijiet soġġetti għal TAC analitika.

2. L-Artikolu 3(2) u (3) u l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikawx fejn Stat Membru juża l-flessibbiltà minn sena għal sena prevista fl-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

Artikolu 11

Trażmissjoni tad-data

Fejn, skont l-Artikoli 33 u 34 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, l-Istati Membri jibagħtu lill-Kummissjoni d-data dwar il-kwantitajiet tal-istokkijiet maqbuda jew li nħattu l-art, huma għandhom jużaw il-kodiċijiet tal-istokkijiet stabbiliti fl-Anness għal dan ir-Regolament.

KAPITOLU III

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 12

Emenda għar-Regolament (UE) 2020/123

Fl-Anness IA, it-tabella tal-Opportunitajiet tas-sajd għall-merluzz tan-Norveġja u l-qabdiet aċċessorji assoċjati fid-diviżjoni 3a tal-ICES u fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 2a tal-ICES u s-subżona 4 tal-ICES hija sostitwita b'dan li ġej:

"Speċi:	merluzz tan-Norveġja u qabdiet aċċessorji assoċjati *Trisopterus esmarkii*				Żona:	3a; l-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni 2a u 4 (NOP/2A3A4.)
Perijodu	1 ta' Novembru 2019 - 31 ta' Ottubru 2020		1 ta' Novembru 2020 - 31 ta' Diċembru 2020		TAC analitika	
Danimarka	72 433	(1) (3)	29 972	(1) (6)	L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika	
Ġermanja	14	(1) (2) (3)	6	(1) (2) (6)	L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika	
Netherlands	53	(1) (2) (3)	22	(1) (2) (6)		
Unjoni	72 500	(1) (3)	30 000	(1) (6)		
Norveġja	14 500	(4)	pm			
Gżejjer Faeroe	5 000	(5)	pm			
TAC	Mhux relevanti		Mhux relevanti			

(1) Sa 5 % tal-kwota jista' jikkonsisti minn qabdiet aċċessorji tal-merluzz tal-linja sewda u tal-merlangu (OT2/*2A3A4). Il-qabdiet aċċessorji tal-merluzz tal-linja sewda u tal-merlangu magħduda mal-kwota skont din id-dispożizzjoni u l-qabdiet aċċessorji tal-ispeċijiet magħduda mal-kwota skont l-Artikolu 15(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, magħduda flimkien, ma għandhomx jaqbżu 9 % tal-kwota.

(2) Il-kwota tista' tinqabad biss fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni 2a, 3a u 4 tal-ICES.

(3) Il-kwota tal-Unjoni tista' tiġi mistada biss mill-1 ta' Novembru 2019 sal-31 ta' Ottubru 2020.

(4) Għandu jintuża għarbiel.

(5) Għandu jintuża għarbiel. Din il-kwota tinkludi ammont massimu ta' 15 % ta' qabdiet aċċessorji li ma jistgħux jiġu evitati (NOP/*2A3A4), li għandhom jiġu magħduda ma' din il-kwota.

(6) Il-kwota tal-Unjoni tista' tiġi mistada mill-1 ta' Novembru 2020 sal-31 ta' Diċembru 2020.".

Artikolu 13

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2021 ħlief l-Artikolu 12 li għandu japplika mill-1 ta' Novembru 2020 sal-31 ta' Ottubru 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Ottubru 2020.

Għall-Kunsill
Il-President
M. ROTH

ANNESS

TACs APPLIKABBLI GĦALL-BASTIMENTI TAS-SAJD TAL-UNJONI FIŻ-ŻONI FEJN JEŻISTU T-TACs SKONT L-ISPEĊI U SKONT IŻ-ŻONA

It-tabelli li ġejjin jistabbilixxu t-TACs u l-kwoti (f'tunnellati ta' piż ħaj, ħlief fejn ikun speċifikat mod ieħor) skont l-istokk u l-kondizzjonijiet marbutin magħhom b'mod funzjonali.

Ir-referenzi għaż-żoni tas-sajd huma referenzi għaż-żoni tal-ICES, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

L-istokkijiet tal-ħut huma msemmija skont l-ordni alfabetika tal-ismijiet bil-Latin tal-ispeċijiet.

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, qed tingħata t-tabella komparattiva li ġejja bl-ismijiet bil-Latin u bl-ismijiet komuni:

Isem xjentifiku	Kodiċi Alfa-3	Isem komuni
Clupea harengus	HER	Aringa
Gadus morhua	COD	Bakkaljaw
Pleuronectes platessa	PLE	Barbun tat-tbajja'
Salmo salar	SAL	Salamun tal-Atlantiku
Sprattus sprattus	SPR	Laċċa kaħla

Speċi:	Aringa *Clupea harengus*	Żona:	Suddiviżjonijiet 30-31 (HER/30/31.)
Finlandja	53 306		
Żvezja	11 712		
Unjoni	65 018		
TAC	65 018	TAC prekawzjonarja	

Speċi:	Aringa *Clupea harengus*	Żona:	Suddiviżjonijiet 22-24 (HER/3BC+24)
Danimarka	221		
Ġermanja	869		
Finlandja	0		
Polonja	205		
Żvezja	280		
Unjoni	1 575		
TAC	1 575	TAC analitika L-Artikolu 3(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika.	

Speċi:	Aringa *Clupea harengus*	Żona:	Ilmijiet tal-Unjoni tas-suddiviżjonijiet 25-27, 28.2, 29 u 32 (HER/3D-R30)
Danimarka	2 146		
Ġermanja	569		
Estonja	10 960		
Finlandja	21 393		
Latvja	2 705		
Litwanja	2 848		
Polonja	24 304		
Żvezja	32 626		
Unjoni	97 551		
TAC	Mhux rilevanti	TAC analitika L-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament japplika.	

Speċi:	Aringa *Clupea harengus*	Żona:	Suddiviżjoni 28.1 (HER/03D.RG)
Estonja	18 216		
Latvja	21 230		
Unjoni	39 446		
TAC	39 446	TAC analitika L-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament japplika.	

Speċi:	Bakkaljaw *Gadus morhua*	Żona:	Ilmijiet tal-Unjoni tas-suddiviżjonijiet 25-32 (COD/3DX32.)
Danimarka	137 (1)		
Ġermanja	54 (1)		
Estonja	13 (1)		
Finlandja	10 (1)		
Latvja	51 (1)		
Litwanja	33 (1)		
Polonja	159 (1)		
Żvezja	138 (1)		
Unjoni	595 (1)		
TAC	Mhux rilevanti	TAC prekawzjonarja L-Artikolu 3(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.	

(1) Esklużivament għall-qabdiet aċċessorji. Mhux permess l-ebda sajd dirett taħt din il-kwota.
B'deroga mill-ewwel paragrafu, operazzjonijiet tas-sajd imwettqa għall-fini esklużiva tal-investigazzjonijiet xjentifiċi jistgħu jiġu diretti għall-bakkaljaw dment li dawk l-investigazzjonijiet jitwettqu f'konformità sħiħa mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2019/1241.

Speċi:	Bakkaljaw *Gadus morhua*		Żona:	Suddiviżjonijiet 22-24 (COD/3BC+24)
Danimarka	1 746	(1)		
Ġermanja	854	(1)		
Estonja	39	(1)		
Finlandja	34	(1)		
Latvja	144	(1)		
Litwanja	94	(1)		
Polonja	467	(1)		
Żvezja	622	(1)		
Unjoni	4 000	(1)		
TAC	4 000	(1)	TAC analitika L-Artikolu 3(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.	

(1) Fis-suddiviżjoni 24, esklużivament għall-qabdiet aċċessorji. Mhux permess l-ebda sajd direct taħt din il-kwota fis-suddiviżjoni 24.
B'deroga mill-ewwel paragrafu, operazzjonijiet tas-sajd imwettqa għall-fini esklużiva tal-investigazzjonijiet xjentifiċi jistgħu jiġu diretti għall-bakkaljaw dment li dawk l-investigazzjonijiet jitwettqu f'konformità sħiħa mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2019/1241.
B'deroga mill-ewwel paragrafu, is-sajd ta' din il-kwota fis-suddiviżjoni 24 huwa permess għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b'tul totali ta' anqas minn 12-il metru li jistadu bl-għeżula, bix-xbieki tat-tħabbil jew bil-pariti tal-qiegħ, bil-konzijiet tal-qiegħ, bil-konzijiet, bil-konzijiet tal-wiċċ, bix-xlief u bl-irkaptu tat-trejjix jew b'irkaptu passiv simili f'żoni sa sitt mili nawtiċi mkejla mil-linji bażi fejn il-fond tal-ilma jkun inqas minn 20 metru skont il-koordinati fil-mappa nawtika uffiċjali li tinħareġ mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali. Il-kaptani ta' dawk il-bastimenti tas-sajd għandhom jiżguraw li l-attività tas-sajd tagħhom tkun tista' tiġi mmonitorjata fi kwalunkwe ħin mill-awtoritajiet tal-kontroll tal-Istat Membru.

Speċi:	Barbun tat- tbajja' *Pleuronectes platessa*	Żona:	Ilmijiet tal-Unjoni tas-suddiviżjonijiet 22-32 (PLE/3BCD-C)
Danimarka	5 187		
Ġermanja	576		
Polonja	1 086		
Żvezja	391		
Unjoni	7 240		
TAC	7 240	TAC analitika L-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament japplika.	

Speċi:	Salamun tal-Atlantiku *Salmo salar*		Żona:	Ilmijiet tal-Unjoni tas-suddiviżjonijiet 22-31 (SAL/3BCD-F)
Danimarka	19 582	(1)		
Ġermanja	2 179	((1)		
Estonja	1 990	(1) (2)		
Finlandja	24 417	(1)		
Latvja	12 455	(1)		
Litwanja	1 464	(1)		
Polonja	5 940	(1)		
Żvezja	26 469	(1)		
Unjoni	94 496	(1)		
TAC	Mhux rilevanti		TAC prekawzjonarja L-Artikolu 3(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.	

(1) Espress fl-għadd ta' ħutiet individwali.
(2) Kondizzjoni speċjali: sa 25 % u mhux aktar minn 500 kampjun ta' din il-kwota jistgħu jiġu mistada fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-suddiviżjoni 32 (SAL/*3D32).

Speċi:	Salamun tal-Atlantiku *Salmo salar*	Żona:	Ilmijiet tal-Unjoni tas-suddiviżjoni 32 (SAL/3D32.)
Estonja	911 (1)		
Finlandja	7 972 (1)		
Unjoni	8 883 (1)		
TAC	Mhux rilevanti	TAC prekawzjonarja	

(1) Espress fl-għadd ta' ħutiet individwali.

Speċi:	Laċċa kaħla *Sprattus sprattus*	Żona:	Ilmijiet tal-Unjoni tas-suddiviżjonijiet 22-32 (HER/3BCD-C)
Danimarka	21 993		
Ġermanja	13 933		
Estonja	25 539		
Finlandja	11 513		
Latvja	30 845		
Litwanja	11 158		
Polonja	65 460		
Żvezja	42 517		
Unjoni	222 958		
TAC	Mhux rilevanti	TAC analitika L-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament japplika.	